C/2025/5260

29.9.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12086 — FERRERO GROUP/CPK)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5260)

1. Fid-19 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— 3F's Holding S.A. ("3F's" u, flimkien mal-impriżi kollha kkontrollati direttament jew indirettament mill-istess persuna fiżika li tikkontrolla 3F's, "Ferrero Group", il-Lussemburgu),

— CPK SAS ("CPK", Franza).

Ferrero Group se jakkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-intier ta' CPK.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Ferrero Group huwa produttur ta' oġġetti tal-ikel, attiv madwar id-dinja fil-manifattura u l-bejgħ ta' ħlewwiet u prodotti ħelwin oħra. Dan jiġbor flimkien marki bħal Nutella u Tictac.

— CPK hija kumpanija tal-ħelu bbażata fi Franza attiva fil-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti tal-ħelu taz-zokkor u taċ-ċikkulata, kif ukoll spreads ħelwin, gomom, u xorb tat-trab taċ-ċikkulata, prinċipalment fi Franza u fil-Belġju. Din tiġbor flimkien marki bħal Carambar, Lutti, Poulain u Terry.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12086 — FERRERO GROUP / CPK

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").